# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 15 ta' Lulju 2019

## Talba Numru 579/2018SFJ

***Ivan Zammit (379768M)***
***vs.***
***Alison Mary Alnamar (126780M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba (a fol. 27 *et seq.*) u ra l-attur qiegħed jippremetti u jitlob hekk:

- *Illi l-attur jeżerċita l-kummerċ Xajen Car Rental Hire & Leasing;*

- *Illi fl-1 ta' Diċembru 2017, il-konvenuta kriet mingħandu l-vettura CQZ687 b'rata ta' tmintax-il Ewro (€18.00) kull ġurnata;*

- *Illi l-konvenuta żammet il-vettura mill-1 ta' Diċembru 2017 sas-7 ta' Mejju 2018, jiġifieri għal mija u tmienja u ħamsin (158) ġurnata);*

- *Illi bir-rata ta' tmintax-il Ewro (€18.00) kull ġurnata, il-bilanċ dovut lir-rikorrent tela' għal elfejn u tmien mija u erbgħa u erbgħin Ewro (€2,844);*

- *Illi l-assiguratriċi tal-konvenuta ħallset lill-attur l-ammont ta' elf u mija u sebgħin Ewro (€1,170) u b'hekk, l-attur kien fadallu jieħu elf u sitt mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€1,674);*

- *Illi fil-25 ta' Settembru 2018, l-attur ippreżenta l-ittra uffiċjali 1867/2018 ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda permezz ta' nota, il-konvenuta ċaħdet li kienet debitriċi tal-attur;*

- *Illi għalhekk, l-attur talab lit-Tribunal jiddikjara li l-konvenuta għandha tħallsu l-ammont ta' elf u sitt mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€1,674) bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.*

Ra r-riferti pożittivi relattivi li jindikaw li l-partijiet ġew validament innotifikati.

Ra r-Risposta tal-konvenuta (a fol. 19) li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet:

- *Illi l-azzjoni kienet insostenibbli stante li kellha tiġi proposta mill-attur in rappreżentanza ta' Xajen Car Rental Hire & Leasing u mhux mill-attur f'ismu proprju;*

- *Illi ebda ammont ma kien dovut mill-konvenuta stante li l-azzjoni kienet infondata fil-fatt u fid-dritt; u*

- *Illi mingħajr preġudizzju, l-ammont mitlub kien eċċessiv.*

Sema x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Lulju 2019.

**<u>L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta</u>**

Preliminarjament, il-konvenuta eċċepiet li l-azzjoni relattiva kellha tkun intavolata mhux mll-attur *proprio*, iżda in rappreżentanza ta' *Xajen Car Rental Hire & Leasing*. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jirreferi għall-affidavit tal-attur (a fol. 21) fejn dan jgħid ċar "*Jien neżerċita l-kummerċ bl-isem Xajen Car Hire*". Din hija wkoll indikata b'mod espliċitu fl-ewwel sentenza tar-rikors promotur, fejn l-attur espona "*Illi r-rikorrenti Ivan Zammit jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem Xajen Car Rental Hire & Leasing ta' 34, Vincenzo Adrario Street, Żebbuġ*". Dokument "B", ukoll ippreżentat mill-attur, huwa kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra uffiċjali tibda bil-kliem "*Permezz tal-preżenti, Ivan Zammit, detentur tal-karta tal-identità 379768M ta' 34, Turtle Dove, Vincenzo Adrario Street, Żebbuġ, eżerċenti l-kummerċ bl-isem Xajen Car Rental Hire & Leasing, jinterpellak sabiex…*"

It-Tribunal jirreferi wkoll għax-xhieda tal-attur (in kontro-eżami) mogħtija fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2019 (a fol. 38 *et seq.*), fejn l-attur xehed hekk:

| | |
|---|---|
| "*Dr Amadeus Cachia:* | *X'inhu l-kummerċ tiegħek sinjur inti? Fl-affidavit tiegħek inti qed teżerċita l-kummerċ hux hekk? Taħdem bħala xiex?* |
| *Xhud:* | *Nikri l-karozzi.* |
| *Dr Amadeus Cachia:* | *Tikri l-karozzi. U f' ismek personali tikri l-karozzi?* |
| *Xhud:* | *F'ismi personali.* |
| *Dr Amadeus Cachia:* | *F'ismek personali. Jiġifieri m'għandekx kumpanija inti?* |
| *Xhud:* | *Tiegħi…* |
| *Dr Amadeus Cachia:* | *Eh?* |
| *Xhud:* | *Tiegħi wahdi* |
| *Dr Amadeus Cachia:* | *Għandek kumpanija jew m'għandekx?* |
| *Xhud:* | *Kumpanija tiegħi wahdi.* |
| *Dr Amadeus Cachia:* | *X'jisimha l-kumpanija?* |
| *Xhud:* | *Shane Garage.* |
| *Dr Amadeus Cachia:* | *Shane Garage. Issa, jiġifieri inti ovvjament inti għamilt xi skrittura hux hekk mas-sinjura…* |
| *Xhud:* | *Dak il-kuntratt…* |

*Dr Amadeus Cachia:* *Naqblu iva.*

*Xhud:* *… forsi tistaqsini forsi aħjar…*

*Dr Amadeus Cachia:* *Le le fil-fatt hekk ser nagħmel. Sinjur hawnhekk qed insaqsik domanda…*

*It-Tribunal:* *Qed jistaqsik biss domanda fuq dak li xhedt.*

*Dr Amadeus Cachia:* *Fil-fatt tant kemm naf bih li ser nurihulek. U Shane hux hekk? Mhux f'ismek personali hux hekk?*

*Xhud:* *Sorry?*

*Dr Amadeus Cachia:* *Mhux fuq ismek personali. Fuq Shane.*

*Xhud:* *Shane l-kumpanija.*

*Dr Amadeus Cachia:* *Il-kumpanija.*"

In ri-eżami fis-seduta ta' 13 ta' Mejju 2019 , l-attur xehed hekk:

- Li hu kien *self-employed*

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, it-Tribunal iqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta ma treġix. Għalkemm huwa konċess li l-okkju tal-Avviż tat-Talba sar f'isem l-attur biss, huwa pależi li kemm il-premessi tal-Avviż kif ukoll it-talbiet hemm imressqa huma marbuta man-negozju tal-kiri tal-vetturi li l-attur kien jeżerċita tramite *Xajen Car Rental Hire & Leasing*. L-ewwel premessa,fil-fatt, tiddikjara mill-ewwel dan u l-bqija tal-pretensjonijiet tal-attur fl-Avviż huma ippernjati fuq l-attività ta' dan in-negozju msemmi fejn huwa jallega li l-konvenuta kriet vettura għal perjodu ta' żmien b'ċertu rata u għalkemm is-soċjetà assiguratriċi tagħha ħallset parti mill-ħlas dovut, kien għad fadal bilanċ dovut u għalhekk kellha ssir din il-kawża. Inoltre,il-provi suċitati jkomplu jikkonfermaw li s-sustanza tal-azzjoni attriċi hija għal dak dovut min-negozju tal-attur eżerċitat permezz ta' *Xajen Car Rental Hire & Leasing* u xejn aktar.

Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

**<u>Il-provi mressqa</u>**

Permezz ta' affidavit (a fol. 21), l-attur xehed:

- Li hu kien jeżerċita l-kummerċ *Xajen Car Hire*.

- Fl-1 ta' Diċembru 2017, il-konvenuta marret għandu akkumpanjata minn ċertu Tony Calleja u riedet tikri vettura għax kienet ħabtet. L-attur krielha *Hyundai i20* (CQZ687). L-attur u l-konvenuta daħlu fi ftehim fejn hi kellha tkun responsabbli għall-vettura għaż-żmien li tkun għandha u kellha tħallas tmintax-il Ewro (€18.00) għal kull ġurnata. F'ebda punt ma ġie msemmi li l-ħlasijiet kienu ser isiru mill-assiguratriċi tal-konvenuta.

- Il-konvenuta irritornat il-vettura fis-7 ta' Mejju 2018, jiġifieri mija u tmienja u ħamsin (€158) ġurnata wara li krietha. Dakinhar li irritornatha, ma ħallset xejn.

- Fit-28 ta' Ġunju 2018, l-attur irċieva ċekk ta' elf u mija u sebgħin Ewro (€1,170) mingħand l-assiguratriċi tal-konvenuta. Għalhekk, hu kien fadallu jieħu elf u sitt mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€1,674) mis-somma totali ta' elfejn u tmien mija u erbgħa u erbgħin Ewro (€2,844).

Permezz ta' affidavit (a fol. 22), xehed Tony Calleja (322165M). Dan qal li fl-1 ta' Diċembru 2017, hu kien qiegħed ikellem lill-konvenuta u din qaltlu li kellha bżonn tikri vettura għax kienet ħabtet. Hu qalilha li kien jaf lil xi ħadd u ħadha għand l-attur.

L-istadju tal-provi tal-attur ingħalaq fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2018 meta l-Avv. Chiara Zappalà iddikjarat li ma kienx jonqosha iktar provi x'tipproduċi.

Tul is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, l-attur xehed in kontro-eżami. Huwa xehed hekk:

- Hu kien jeżerċita n-negozju *Xajen Car Rental Hire & Leasing*, li kien negozju tal-kiri tal-karozzi. Kienet saret skrittura mal-attriċi relattivament għall-kiri ta' vettura.

- Għalkemm għall-ewwel, l-attur ċaħad li kienu kellmuh xi soċjetajiet assiguraturi, huwa ftit wara qal li darba minnhom, xi soċjetà assiguratriċi kienet ikkomunikat miegħu u qaltlu li kienet ser tħallsu f'ċerti ġranet. Huwa qal ukoll li ma kienx irrisponda għall-*e-mail* li ntbagħtlu.

- Fil-provi tiegħu, l-attur ma ressaq ebda prova rigward *e-mails* li setgħu ntbagħtu.

- B'referenza għal dokument "A" (a fol. 6), l-attur xehed li meta l-konvenuta ġiet biex tħallsu, huwa pprova jilħaq kompromess magħha u qalilha li minflok joħdilha tmintax-il Ewro (€18.00) għal kull ġurnata li l-vettura kienet għandha, kien ser joħdilha ħmistax-il Ewro (€15.00). Ix-xhud ippreċiża li nonostante dan, il-ftehim oriġinali kien jimponi rata ta' tmintax-il Ewro (€18.00) għal kull ġurnata ta' kiri.

- L-attur kompla jgħid li r-rata ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) ġiet imniżżla fl-iskrittura relattiva meta l-konvenuta irritornatlu l-vettura, jiġifieri fis-7 ta' Mejju 2018.

- L-attur spjega li bir-rata ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) għal kull ġurnata, l-ammont dovut mill-konvenuta għal mija u tmienja u ħamsin (€158) ġurnata kien ta' elfejn u tlett mija u sebgħin Ewro (€2,370). Madankollu, l-attur imbagħad żied li din ir-rata kienet ser tapplika <u>biss</u> kieku l-konvenuta ħallsitu dak il-ħin stess.

- L-attur ikkonferma li hu kien irċieva ċekk mill-assiguratriċi tal-konvenuta, liema ċekk kien jammonta għal elf u mija u sebgħin Ewro (€1,170). Irriżulta, iżda, li l-attur ma kellimx lil GasanMamo Insurance (l-assiguratriċi tal-konvenuta) sabiex jinfurmahom li kellu jitħallas iktar flus.

In ri-eżami fl-istess seduta, l-attur xehed hekk:

- Hu kien *self-employed*.

- Filwaqt li normalment, klijenta li trid tikri vettura tinfurmah li kienet intbagħtet għandu mill-assiguraturi tagħha, dan ma kienx il-każ hawn. Meta l-konvenuta marret għandu, hija qatt ma semmietlu assigurazzjonijiet. F'dan il-każ, huwa ma kienx jaf bl-involviment ta' GasanMamo Insurance.

- L-iskrittura relattiva ġiet iffirmata meta l-konvenuta ħadet il-vettura bir-rata ta' tmintax-il Ewro (€18.00) kull ġurnata, jiġifieri bir-rata miftiehma meta ġiet iffirmata l-iskrittura.

- Meta l-konvenuta irritornat il-vettura, huwa pprova jnaqqsilha l-ammont għal ħmistax-il Ewro (€15.00) kull ġurnata. Meta l-attur talab il-ħlas, il-konvenuta qaltlu jitlob il-ħlas mingħand l-assiguraturi tagħha. Hu weġibha li kienet hi li kellha tħallsu għax hi kienet kriet vettura, mhux l-assiguraturi tagħha.

Il-konvenuta ippreżentat affidavit (a fol. 52 *et seq.*) fejn qalet:

- Wara li hija kellha ħabta bil-vettura personali tagħha, is-soċjetà assiguratriċi MelitaUnipol Insurance Agency Limited qaltilha sabiex tmur tikri vettura mingħand min trid. Il-bennej tagħha (li ismu mhux imsemmi fl-affidavit) qabbadha "*ma' xi ħadd hu rigward il-kirja tal-karozza*".

- L-attur informa lill-konvenuta li r-rata għal vettura *automatic* kienet ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) kull ġurnata. Wara dan, l-attur ċempel lill-assiguraturi tal-konvenuta u dawn tawh permess biex jikrilha. Il-konvenuta żiedet li l-assiguraturi tagħha tatha lista ta' persuni jew negozji mingħand min setgħet tikri u n-negozju ġestit mill-attur kien wieħed minnhom.

- Il-konvenuta kienet iċċempel lill-*broker* tagħha regolarment u dawn kienu dejjem jgħidulha li l-vettura tagħha ma kinitx lesta u GasanMamo kienet ser tħallas għall-kiri tal-vettura.

- Il-vettura personali tal-konvenuta damet madwar ħames xhur biex tissewwa.

Il-konvenuta xehdet in kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019. Hija xehdet hekk:

- L-*insurance broker* tagħha kienet MelitaUnipol li qaltilha tfittex hi mingħand min setgħet tikri vettura. Il-bennej Tony Calleja ħadha għand l-attur u l-attur imbagħad kellem lill-*broker*.

- Il-konvenuta ċaħdet li kwalsiasi ftehim li sar kien sar biss bejnha u bejn l-attur. Hija saħqet li hija kienet dejjem tkellmet *biss* mal-MelitaUnipol. Kienu l-MelitaUnipol li tkellmu mal-attur u ma' GasanMamo.

- Il-konvenuta iċċarat li billi hija kellha bżonn vettura minnufih, MelitaUnipol qaltilha tikri mingħand kwalsiasi negozju tal-kiri tal-vetturi. Wara ftit, MelitaUnipol tatha lista ta' negozji mingħand min setgħet tikri. MelitaUnipol dejjem enfasizzawlha li GasanMamo kienu ser iħallsu.

- Il-konvenuta qalet li hija daħlet fil-ftehim mal-attur biss wara li rċeviet permess mill-*insurance* tagħha. Hija qalet ukoll li r-rata miftiehma kienet dik ta' ħmistax-il Ewro kull ġurnata. Hija qalet li għalkemm għall-ewwel, il-ftehim kien jindika rata ta' tmintax-il Ewro (€18.00) kull ġurnata, l-attur ikkanċella din ir-rata u minflok, kiteb ħmistax-il Ewro (€15.00) dakinhar li ġiet iffirmata l-iskrittura stess.

- Il-konvenuta ikkonfermat li hija żammet il-vettura għal mija u tmienja u ħamsin (158) ġurnata.

- Meta l-konvenuta irritornat il-vettura, MelitaUnipol (il-*broker*) qaltilha li ser isir pagament, iżda l-konvenuta qatt ma daħlet fid-dettal dwar x'pagamenti kienu ser isiru għax il-*broker* tagħha dejjem aċċertatha li GasanMamo kienu ser iħallsu kollox.

- Il-konvenuta qatt ma kienet ikkuppjata fl-*e-mails* skambjati.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Din hija azzjoni għall-ħlas tal-bilanċ dovut wara li l-konvenuta kriet vettura mingħand l-attur fejn <u>parti</u> mis-somma dovuta lill-attur tħallset minn GasanMamo Insurance. Ċentrali għall-kwistjoni u għall-kalkoli rigward il-bilanċ dovut huwa n-nuqqas ta' qbil fis-sens li skont l-attur, ir-rata applikabbli kienet dik ta' tmintax-il Ewro (€18.00) għal kull ġurnata filwaqt li skont il-konvenuta, ir-rata applikabbli kienet dik ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) kull ġurnata.

It-Tribunal jirreferi għad-dokument "IZ1" ippreżentat mill-attur fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019 (a fol. 50). Dan jindika li l-vettura CQZ687 ittieħdet mill-konvenuta fl-1 ta' Diċembru 2017 u ġiet irritornata fis-7 ta' Mejju 2018. Id-dokument huwa iffirmat minn *rental agent* u mill-klijenta. Ladarba m'hemmx kontestazzjonijiet dwar il-firem, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li dawn il-firem huma tal-attur u tal-konvenuta.

Loġikament, huwa ċar li d-dokument ippreżentat huwa l-kopja tal-istess dokument li kienet miżmuma mill-attur. Fil-fatt, jidher li l-attur għamel notament fuq id-dokument b'pinna ta' inka dversa, li jindika li huwa tħallas elf u mija u sebgħin Ewro (€1,170), liema ammont kien ikopri l-kirja tal-vettura sas-16 ta' Frar 2018. Dan jikkorrispondi perfettament mal-*e-mails* ippreżentati mill-konvenuta, fejn jidher ċar li permezz ta' e-mail datata 18 ta' Ġunju 2018, Karl Borg (*Motor Claims Adjuster* fi ħdan GasanMamo Insurance Ltd) kiteb lil Daniel Schembri (Żabbar *Branch Manager* fi ħdan MelitaUnipol) u qallu li GasanMamo kienet ser tħallas għall-kiri tal-vettura bejn l-1 ta' Diċembru 2017 u s-16 ta' Frar 2018 għax kien biss bejn dak il-perjodu li l-vettura ma setgħetx tinstaq. L-attur, għalhekk, ġie infurmat li seta' jibgħatilhom kont għal tmienja u sebgħin (78) ġurnata. Dan l-*e-mail* jinsab a fol. 55 tal-proċess.

It-Tribunal ra wkoll *e-mail* (a fol. 56) datat 9 ta' Mejju 2018 mibgħut mill-istess Karl Borg lill-istess Daniel Schembri fejn intqal li l-maġġor parti tar-*replacement parts* li kienet teħtieġ il-vettura personali tal-konvenuta kienu waslu fit-22 ta' Jannar 2018. Għalhekk, fil-fehma ta' GasanMamo, il-vettura setgħet kienet kompletament lesta sas-16 ta' Frar 2018. Minn dan, it-Tribunal jifhem li kien għalhekk li GasanMamo ħallsu biss għall-kiri tal-vettura CQZ687 għall-perjodu bejn l-1 ta' Diċembru 2017 sas-16 ta' Frar 2018.

It-Tribunal idur issa sabiex jara jekk fil-fatt, ir-rata applikabbli għall-kirja kinitx ta' ħmistax-il Ewro kull ġurnata jew tmintax-il Ewro kull ġurnata.

Jidher ċar mill-assjem tal-provi li l-attur kien sodisfatt li kien tħallas għall-kiri tal-vettura għal tmienja u sebgħin (78) ġurnata. Huwa tħallas elf u mija u sebgħin Ewro (€1,170) minn GasanMamo. Matematikament, l-ammont ta' elf u mija u sebgħin Ewro (€1,170) jirriżulta biss meta tkun applikata r-rata ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) kull ġurnata. Kieku r-rata applikabbli kienet dik ta' tmintax-il Ewro (€18.00) kull ġurnata, ifisser li l-attur kellu jitħallas elf u erba' mija u erba' Ewro (€1,404) minn GasanMamo.

Kieku l-attur ma kienx sodisfatt li jitħallas bir-rata ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) kull ġurnata, huwa kien jipprotesta ma' GasanMamo jew b'xi mod jitlobhom iħallsuh bir-rata ta' tmintax-il Ewro (€18.00) kull ġurnata. Għalhekk, m'hemm ebda prova li l-attur ma kienx kuntent bir-rata ta' ħmistax-il Ewro (€15.00) kull ġurnata.

Oltre dan ukoll, it-Tribunal josserva illi il-kitba ta' 15 il-Euro, meta giet ikkancellata l-kitba ta' 18 il-Euro, tidher li saret bl-istess pinna u huwa difficli li l-attur setgha kellu, kumbinazzjoni l-istess pinna xhur wara.

Tenut kont tal-verżjonijiet konfliġġenti rigward ir-rata applikabbli, it-Tribunal osserva dak li ngħad fis-sentenza ***Frank Giordimaina Medici et vs. William Rizzo et*** (deċiża mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2004):

> "*In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant.* ***Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.*** *Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*"

It-Tribunal ra wkoll li fis-sentenza ***Anthony Camilleri vs. Maurice Cauchi et*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002), intqal hekk:

> "*Irid jigi osservat ukoll illi anke kieku, gratia argomenti, z-zewg verzjonijiet kienu plawsibbli jew possibbli huwa principju gurisprudenzjali ben affermat illi f'kaz ta' zewg verzjonijiet dijametrikalment konfliggenti dan jiffavorixxi lill-konvenuti in kwantu kien dejjem obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Dan fuq l-istregwa tal-massima: "incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat" – "***Gemma Cassar Saetta –vs- Imco Distributors Limited***", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999.*"

It-Tribunal iqis li l-verżjoni tal-konvenut hija li għat-tmienja u sebgħin ġurnata tal-kirja tal-vettura relattiva, li għalihom tħallas minn GasanMamo, huwa kien kuntent jaċċetta r-rata ta' ħmistax-il Ewro kull ġurnata mingħajr ebda protesta jew talba għal ħlas addizzjonali, iżda permezz ta' din l-azzjoni, huwa jrid issa li dan

it-Tribunal iġiegħel lill-konvenuta tħallas għall-kirja tal-vettura għar-rimanenti tmenin ġurnata bir-rata ta' tmintax-il Ewro kull ġurnata. Din il-verżjoni ma tagħmilx sens. Kienet tkun tagħmel sens loġiku kieku l-attur wera ċar li huwa talab il-ħlas lil GasanMamo bir-rata ta' tmintax-il Ewro kull ġurnata jew għall-inqas ipprotesta magħhom b'xi mod. L-attur b'ebda mod ma spjega għaliex talab rata ogħla mill-konvenuta meta kien kuntent jaċċetta rata iktar baxxa mingħand GasanMamo. L-attur lanqas ipprovda kopja tal-emails u kommunikazzjoni li kellu mal-assikurazzjoni.

Oltre dan, hemm ukoll il-konflitt ċentrali bejn l-attur u l-konvenuta, fejn l-attur saħaq li l-ftehim oriġinali bejniethom kien ta' tmintax-il Ewro kull ġurnata u l-konvenuta saħqet li l-ftehim oriġinali kien ta' ħmistax-il Ewro kull ġurnata.

Id-dokument "IZ1" (a fol. 50), ippreżentat mill-attur stess, fil-fatt juri r-rata ta' tmintax-il Ewro maqtugħa u sostitwita bir-rata ta' ħmistax-il Ewro. L-attur ipprova jispjega li huwa għamel din il-bidla wara li l-vettura ġiet irritornata. Min-naħa tagħha, il-konvenuta insistiet li r-rata ta' ħmistax-il Ewro kienet ir-rata pattwita sa mill-bidu.

Għar-raġunijiet mogħtija, abbażi ta' bilanċ ta' probabilitajiet, it-Tribunal huwa iktar propens li jkun konvint li fil-fatt, ir-rata pattwita sa mill-bidu kienet dik ta' ħmistax-il Ewro kull ġurnata.

Għalhekk, ladarba l-attur fadallu jitħallas ta' tmenin ġurnata ta' kiri tal-vettura, it-Tribunal iqis li t-talbiet tiegħu għandhom jiġu milqugħa iżda b'mod li jitħallas għall-kiri tal-vettura għal tmenin ġurnata bir-rata ta' ħmistax-il Ewro kull ġúrnata.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u jilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) bl-imgħax legali kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, ċioe sad-data tal-pagament effettiv.

Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**